# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Mejju 2021**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 242/2021 JVC**

**Max Dudley (passaport numru 128138A)**

**vs**

**Avukat Dottor Victor Bugeja u P.L. Melissa Anastasi nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Giovanni Briffa, Passaport Numru HN207855**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Max Dudley ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent huwa l-proprjetarju ta' garaxx minghajr numru u minghajr isem, internament numerat 56 u formanti minn Blokk bl-isem Fara Apartments, liema blokk huwa parti mill-art bl-isem il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district, Naxxar;

2. Illi r-rikorrent kien xtara nofs indiviz tat-tali proprjeta' fis-sena elfejn u tnax (2012) minghand terza persuna u eventwalment xtara wkoll in-nofs indiviz l-iehor minghand il-konvenut John sive Giovanni Briffa permezz tal-kuntratt tal-bejgh datat 11 ta' Dicembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa bin-numru 2904/2018, kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok MD1**";

3. Illi inoltre, ir-rikorrent akkwista s-sjieda shiha tal-proprjeta' u ghaldaqstant il-konvenut ma jgawdi ebda dritt fuq l-istess garaxx surreferit;

4. Illi madanakollu, il-konvenut bhal donnu ma jridx jifhem illi l-iffirmar tal-att pubbliku kien wiehed legittimu u li inoltre l-istess konvenut ma ghadu jgawdi ebda dritt fuq l-istess proprjeta', anzi b'mod skorret ghall-ahhar qed jagixxi bhallikieku ghadu jgawdi xi dritt fuq l-istess u dan billi qed jibqa' juza l-garaxx sabiex jahzen fih certu mobbli, inkluz vettura (ritratti tal-istess hawn annessi u mmarkati "**Dok MD2, Dok MD3, DokMD 4 u Dok MD 5**"

5. Illi bi ksur tal-klawsola 6 tal-kuntratt tal-bejgh fuq indikat, il-konvenut naqas milli jnehhi l-appartenzi kollha tieghu mill-

imsemmi garaxx u ghall-kuntrarju qieghed jokkupa spazju bil-garaxx bla ebda titolu validu fil-ligi u li sallum il-mobbli ghadhom imqieghda fil-garaxx sempliciment fuq bazi ta' mera tolleranza;

6. Illi r-rikorrent debitament interpella lill-konvenut kemm permezz ta' ittra legali datata t-tmintax (18) ta' Gunju 2020 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok MD6**") kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3622/2020 u datata t-tletin (30) ta' Ottubru 2020 sabiex jizgombra l-mobbli proprjeta' tieghu mill-garaxx in kwestjoni, izda hu mhux talli baqa' inadempjenti izda sahansitra baghat numru ta' ittra elektronici b'theddid, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi fil-fehma tar-rikorrent, l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni valida x'jista' jaghti kontra t-talbiet tieghu u ghalhekk qieghed jitlob li din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenut ma ghandu ebda titolu fil-ligi fuq il-garaxx minghajr numru u minghajr isem, internament numerat 56 u formanti minn Blokk bl-isem Fara Apartments, liema blokk huwa parti mil-art bl-isem il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district u konsegwentament

3. Tordna lill-konvenut sabiex, f'terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat ghal dan l-iskop, jizgombra u jiehu l-mobbli kollha tieghu mill-garaxx minghajr numru u minghajr isem, internament numerat 56 u formanti minn Blokk bl-isem Fara Apartments, liema blokk huwa parti mill-art bl-isem il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district u jirrilaxxa l-pusses battal u liberu a favur ir-rikorrent proprjetarju tal-istess garaxx u fin-nuqqas li jaghmel dan, tawtroizza lir-rikorrent inehhi l-mobbli kollha tal-konvenut hu stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ix-xhieda, kuntratt, ritratti, ittri, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat tar-rikorrenti u tal-kuratur Dr Victor Bugeja ghaddiet sabiex laqghet l-ewwel talba attrici u cioe' sabiex din il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat partikolarment il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa datat 7 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu jirrizulta li r-rikorrenti akkwista l-garaxx in kwistjoni minghajr numru u

minghajr isem internament numerat 56 u formanti parti minn Blokk bl-isem Fara Apartments liema blokk huwa parti mil-art bl-isem ta' il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district, Naxxar.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti Max Dubley bil-lingwa Ingliza.

Rat illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma sufficjentement pruvati mid-dokumentazzjoni esebita u wkoll gew konfermati mix-xhieda tar-rikorrent w'ghalhekk m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn din il-Qorti m'ghandiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut ma ghandu ebda titolu fil-ligi fuq il-garaxx minghajr numru u minghajr isem, internament numerat 56 u formanti minn Blokk bl-isem Fara Apartments, liema blokk huwa parti mil-art bl-isem ta' il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district u konsegwentament;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien gimgha mid-data li d-decizjoni tghaddi in gudikat jizgombra u jiehu l-mobbli kollha tieghu mill-garaxx minghajr numru u minghajr isem, internament numerat 56 u formanti parti minn Blokk bl-isem Fara Apartments, liema blokk huwa

parti mill-art bl-isem il-Hofra tas-Salina, sitwata f'Francesco Ximenes Street, Salina district u jirrilaxxa l-pussess battal u liberu a favur ir-rikorrent proprjetarju tal-istess garaxx u fin-nuqqas li jaghmel dan fit-terminu mpost, qed tawtorizza lir-rikorrent sabiex inehhi l-mobbli kollha tal-konvenut hu stess, a spejjez tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Mejju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Mejju, 2021**